# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

20 ta' Ottubru 2011 *

Fil-Kawża C-284/09,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2009,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn R. Lyal u B.-R. Killmann, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

**Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**, irrappreżentata minn M. Lumma u C. Blaschke, bħala aġenti, assistiti minn H. Kube, professeur,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, M. Safjan, M. Ilešič, E. Levits (Relatur), J.-J. Kasel, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta' Diċembru 2010,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata li, meta ssuġġettat lid-dividendi mqassma lil kumpannija li hija stabbilita fi Stat Membru ieħor jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) għal rata ta' tassazzjoni ogħla, f'termini ekonomiċi, minn dik li hija imposta fuq id-dividendi mqassma lil kumpannija li hija stabbilita fit-territorju tagħha stess, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 56 KE, fil-każijiet fejn ma jintlaħaqx il-livell minimu applikabbli għall-ishma rilevanti tal-kumpannija parent fil-kapital azzjonarju tal-kumpannija sussidjarja

tagħha, kif stabbilit fid-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 147) kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/123/KE, tat-22 ta' Diċembru 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 2, p. 3, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 90/435"), u skont l-Artikolu 40 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU 1994, L 1, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE"), sa fejn ir-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja huma kkonċernati.

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-Ftehim ŻEE*

2 L-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE jipprovdi:

"Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ma għandu jkun hemm l-ebda restrizzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti fuq il-moviment ta' kapital li jappartjeni lil persuni li huma residenti fi Stati Membri tal-KE jew fi Stati ta' l-EFTA u ma għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni msejsa fuq iċ-ċittadinanza jew fuq il-post ta' residenza tal-partijiet jew fuq il-post fejn dak il-kapital hu investit. L-Anness XII fih id-dispożizzjonijiet neċessarji biex jigi implimentat dan l-Artikolu".

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 90/435 jiddisponi:

"Għall-għanijiet sabiex tiġi applikata din id-Direttiva,

(a) l-istatus tal-kumpannija parent għandu jiġi attribwit għall-inqas lil kull kumpannija ta' Stat Membru li twettaq il-kondizzjonijiet iddikjarati fl-Artikolu 2 u li jkollha sehem minimu ta' 20 % fil-kapital ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor li jwettaq l-istess kondizzjonijiet;

[...]

mill-1 ta' Jannar 2007 il-perċentwal minimu tas-sehem għandu jkun ta' 15 %;

mill-1 ta' Jannar 200[9] il-perċentwal minimu tas-sehem għandu jkun ta' 10 %;

[...]"

4 B'mod konformi mal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 90/435, il-profitti li kumpannija sussidjarja tkun qassmet lill-kumpannija parent tagħha għandhom jiġu eżentati mit-taxxa f'ras il-għajn.

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

It-tassazzjoni fuq id-dividendi b'mod ġenerali

5 Is-sistema Ġermaniża ta' tassazzjoni fuq id-dħul mill-kapital tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi rigward it-taxxa fuq id-dħul (Einkommensteuergesetz, BGBl. 2002 I, p. 4210, fil-verżjoni ppubblikata fil-BGBl. 2003 I, p. 179, iktar 'il quddiem l-"EStG"), flimkien, f'dak li jirrigwarda l-intaxxar ta' persuni ġuridiċi, mad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar it-taxxi fuq il-persuni ġuridiċi (Körperschaftssteuergesetz, BGBl. 2002 I, p. 4144, iktar 'il quddiem il-"KStG"). Id-dispożizzjonijiet rilevanti, fil-verżjoni applikabbli f'dan il-każ, kienu dawk stabbiliti fil-punti 6 sa 15 ta' din is-sentenza.

6 Skont il-punt 1 tal-Artikolu 20(1) tal-EStG:

"Jagħmlu parti mid-dħul mill-kapital:

1. l-ishma tad-dħul (dividendi) [...] ta' kumpannija b'kapital azzjonarju, ta' ishma ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata, ta' kumpanniji li jaqgħu taħt id-dritt Ġermaniż magħrufa bħala 'Erwerbs- und- Wirtschaftsgenossenschaften' u ta' assoċjazzjonijiet b'operat ta' minjieri li għandhom id-drittijiet ta' persuni ġuridici. It-tqassim moħbi tad-dħul jagħmlu bl-istess mod parti mid-dħul ieħor. Dan id-dħul ma huwiex imputat għad-dħul sa fejn jirriżulta li t-tqassim ta' persuna ġuridika fil-każ fejn l-ammonti tal-'kont ta' pagament fiskali' ('steuerliches Einlagekonto') skont l-Artikolu 27 tal-[KStG] huma kkunsidrati bħala li kienu ġew utilizzati."

7 L-Artikolu 43 tal-EStG, intitolat "Id-dħul mill-kapital suġġett għal tnaqqis fiskali" jipprovdi, fil-punt 1 tal-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu tiegħu u fit-tielet sentenza tiegħu:

"It-taxxa fuq id-dħul tinġabar permezz ta' taxxa fuq id-dħul mill-kapital (taxxa fuq id-dħul mill-kapital) fuq id-dħul mill-kapital domestiku [...] kif ukoll, fil-każijiet imsemmija fil-punt 7(a) u fil-punt 8 kif ukoll fit-tieni sentenza, fuq id-dħul mill-kapital li ġej:

1. dħul mill-kapital skont il-punti 1 u 2 tal-Artikolu 20(1).

[...]

It-tnaqqis fiskali jsir minkejja l-Artikolu 3(40) u l-Artikolu 8(b) tal-[KStG]."

8 Skont l-ewwel u t-tielet sentenza tal-Artikolu 44(1) tal-EStG, rigward il-liberazzjoni mit-taxxa fuq id-dħul mill-kapital:

"Fil-każijiet imsemmija fil-punt 1 tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 43(1) [...], id-debitur tat-taxxa fuq id-dħul mill-kapital huwa l-kreditur tad-dħul mill-kapital. It-taxxa fuq id-dħul mill-kapital tibda mill-mument meta l-kreditur jiġbor id-dħul mill-kapital. Huwa f'dan il-mument li d-debitur tad-dħul mill-kapital, fil-każijiet previsti fil-punti 1 sa 4 tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 43(1) [...], jeffettwa t-tnaqqis fiskali għall-kreditur tad-dħul mill-kapital."

9 Il-kalkolu tat-taxxa fuq id-dħul mill-kapital huwa rregolat mill-punt 1 tal-Artikolu 43(a)(1) tal-EStG, liema dispożizzjoni hija fformulata b'dan il-mod:

"It-taxxa fuq id-dħul mill-kapital tikkorrispondi,

1. fil-każijiet previst fil-(punt 1) tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 43(1) [...],

għal 25 % mill-ammont fuq id-dħul mill-kapital; [...]"

10 Fil-każ ta' dividendi mħallsa minn kumpannija sussidjarja, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(b)(1) tal-KStG tipprovdi li dawn ma jittiħdux inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tad-dħul mill-kumpannija parent.

Intaxxar tad-dividendi mqassma lill-kumpannija li għandha l-uffiċċju rreġistrat fil-Ġermanja.

11 F'dak li jirrigwarda l-intaxxar tad-dividendi mqassma lil kumpannija li għandha l-uffiċċju rreġistrat fil-Ġermanja, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 31(1) tal-KStG tirreferi għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-EStG.

12 Il-punt 2 u t-tieni sentenza tal-punt 4 tal-Artikolu 36(2) tal-EStG, li jittratta l-bidu u t-tmiem tat-taxxa fuq id-dħul, huwa fformulat b'dan il-mod:

"(2) Huma imposti fuq it-taxxa fuq id-dħul:

[…]

2. it-taxxa fuq id-dħul miġbura permezz ta' tnaqqis fiskali, sa fejn din tiġi imposta […] fuq id-dħul li, skont […] l-Artikolu 8(b)(1) u t-tieni sentenza tal-paragrafu (6) tal-[KStG], ma jittiħdux inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tad-dħul u fejn il-ħlas lura ma jkunx ġie mitlub jew effetwat. It-taxxa fuq id-dħul miġbura permezz ta' tnaqqis fiskali ma hijiex attribwibbli jekk id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 45(a)(2) u (3) ma ġietx sottomessa. […]

[…]

(4) […] Jekk jirriżulta, wara t-tnaqqis, eċċess favur il-persuna suġġetta għat-taxxa, dan l-eċċess jiġi mħallas lill-persuna suġġetta wara n-notifika tal-avviż tat-taxxa."

Taxxa fuq id-dividendi mqassma lil kumpannija li ma għandhiex l-uffiċċju rreġistrat tagħha fil-Ġermanja

13 Il-kumpanniji li la l-amministrazzjoni u lanqas l-uffiċċju rreġistrat tagħhom ma jinsabu fil-Ġermanja jew li ma humiex suġġetti b'mod sħiħ għat-taxxa f'dan l-Istat Membru huma, skont l-Artikolu 2 tal-KStG, ikkunsidrati bħala li huma parzjalment suġġetti għat-taxxa fir-rigward tad-dħul miġbur fit-territorju nazzjonali.

14 B'mod konformi mal-punt 2 tal-Artikolu 32(1) tal-KStG, meta l-proprjetarju tad-dħul huwa parzjalment suġġett għat-taxxa fil-Ġermanja, it-taxxa fuq il-persuni ġuridiċi fir-rigward tad-dħul suġġett għat-tnaqqis fiskali titħallas b'mod definittiv permezz tat-tnaqqis fiskali.

15 L-Artikolu 43(b) tal-EStG jipprovdi, fuq talba tal-persuna suġġetta għat-taxxa, għar-rinunzja mill-ġbir tat-taxxa fuq id-dħul mill-kapital meta l-livell ta' parteċipazzjoni ta' kumpannija parent stabbilita fi Stat Membru differenti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fil-kapital tal-kumpannija sussidarja tagħha jilħaq il-livell stabbilit fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 90/435.

Il-konvenzjonijiet dwar il-prevenzjoni mit-taxxa doppja

16 Il-konvenzjonijiet dwar il-prevenzjoni mit-taxxa doppja li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kkonkludiet mal-Istati Membri l-oħra kollha, kif ukoll mar-Repubblika tal-Islanda u mar-Renju tan-Norveġja, jipprovdu dispożizzjonijiet relattivi għall-imputazzjoni tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn miġbura fil-Ġermanja fuq l-ammont tat-taxxa dovuta fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-kumpannija parent. L-ammont tal-kreditu fiskali ma jistax jaqbeż dik il-parti tat-taxxa, ikkalkolata qabel l-imputazzjoni, li tikkonċerna d-dħul li ġej mill-Ġermanja, u dawn il-konvenzjonijiet ma jipprovdux għar-rimbors ta' eventwali kreditu ta' taxxa li jirriżulta mid-differenza bejn it-taxxa dovuta fl-Istat Membru kkonċernat u t-tnaqqis operat f'ras il-għajn fil-Ġermanja.

## Il-proċedura prekontenzjuża

17 Permezz ta' ittra ta' intimazzjoni tat-12 ta' Ottubru 2005, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tad-dubji tagħha dwar

il-kompatibbiltà mal-Artikoli 56 KE u 40 tal-Ftehim ŻEE tas-sistema Ġermaniża dwar it-taxxa fuq id-dividendi, sa fejn din tiffavorixxi, f'termini fiskali, lill-kumpanniji benefiċjarji ta' dividendi residenti meta mqabbla mal-kumpanniji benefiċjarji stabbiliti fi Stat Membru ieħor jew fi Stat li jifforma parti mill-Ftehim ŻEE.

18 Il-Gvern Ġermaniż irrisponda għall-ittra ta' intimazzjoni permezz ta' ittra tal-21 ta' Diċembru 2005.

19 Fis-27 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni indirizzat opinjoni motivata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fejn iddikjarat li hija kienet tikkunsidra bħala inkompatibbli mal-Artikolu 56 KE il-fatt li l-effett konġunt ta' kull tnaqqis f'ras il-għajn nazzjonali u tat-taxxa nazzjonali fuq id-dħul għad-dividendi domestiċi, jwassal għal taxxa inferjuri għat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn li tħallset fuq id-dividendi li joħorġu mill-pajjiż.

20 Fil-komunikazzjoni tiegħu tat-28 ta' Awwissu 2007, il-Gvern Ġermaniż enfasizza d-differenza bejn l-ittra ta' intimazzjoni, li kienet ibbażata fuq deskrizzjoni żbaljata tad-dritt fiskali Ġermaniż sa fejn din kienet tikkunsidra li l-kumpanniji parent residenti ma kinux obbligati li jħallsu t-taxxi f'ras il-għajn fuq id-dividendi, u l-opinjoni motivata li kienet tirrileva, b'mod preċiż, li l-azzjonisti Ġermaniżi għandhom ukoll iħallsu t-taxxa mħallsa f'ras il-għajn, iżda minn dan ikkonkludiet, diversament mill-ittra ta' intimazzjoni, li l-preġudizzju għall-moviment liberu tal-kapital kien jinsab fil-karattru liberatorju tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn għall-kumpanniji parent stabbiliti fi Stati Membri differenti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jew fl-Istati li jifformaw parti mill-Ftehim ŻEE.

21 Bħala risposta għal din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni, fit-28 ta' Novembru 2007, indirizzat lil dan l-Istat Membru ittra ta' intimazzjoni kumplimentari, fejn hija ppreċiżat li, fil-fehma tagħha, il-kontenut sostanzjali tal-proċedura prekontenzjuża ma kienx milqut mid-deskrizzjoni żbaljata tad-dritt fiskali Ġermaniż. Hija rrilevat li, peress li l-azzjonisti Ġermaniżi jibbenefikaw mit-tnaqqis f'ras il-għajn fuq it-taxxa fuq il-persuni ġuridiċi, filwaqt li, għall-kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra jew fl-Istati li jifformaw parti mill-Ftehim ŻEE, dan l-istess taxxa mħallsa f'ras il-għajn għandu karattru liberatorju, dawn il-kumpanniji huma suġġetti għal taxxa iktar iebsa fuq id-dividendi.

22 Peress li ma laqatx b'mod favorevoli t-talba tal-Gvern Ġermaniż intiża sabiex tinkiseb proroga tat-terminu stabbilit għar-risposta għall-imsemmija ittra ta' intimazzjoni kumplimentari, il-Kummissjoni, fit-28 ta' Frar 2008, ħarġet opinjoni motivata kumplimentari.

23 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja rrispondiet għall-imsemmija opinjoni motivata kumplimentari permezz ta' ittra tat-30 ta' April 2008, fejn hija informat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tikkonforma ma' din l-opinjoni motivata kumplimentari.

24 Peress li l-Kummissjoni kkonstat li, meta skada t-terminu ta' xahrejn mogħti lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fl-opinjoni motivata kumplimentari, din tal-aħħar ma kinitx immodifikat id-dispożizzjonijiet fiskali tagħha sabiex tikkonforma ruħha ma' din l-opinjoni u sabiex tiżgura trattament ugwali bejn il-kumpanniji residenti u dawk mhux residenti, din ippreżentat dan ir-rikors.

**Fuq ir-rikors**

*L-argumenti tal-partijiet*

25 Il-Kummissjoni ssostni li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreġudikat il-moviment liberu tal-kapital stabbilit fl-Artikoli 56 KE u 40 tal-Ftehim ŻEE, billi eliminat il-piż fiskali marbut mat-taxxa fuq id-dħul mill-kapital, imnaqqas f'ras il-għajn fuq it-tqassim tad-dividendi, permezz tal-għoti lill-kumpanniji parent li għandhom l-uffiċċju rreġistrat u l-amministrazzjoni tagħhom fit-territorju tagħha tal-possibbilità li jiksbu l-imputazzjoni u r-rimbors ta' din it-taxxa, madankollu mingħajr ma tippermetti, permezz ta' miżuri interni jew abbażi ta' konvenzjonijiet dwar il-prevenzjoni mit-taxxa doppja konklużi jew mal-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni jew mar-Repubblika tal-Islanda jew mar-Renju tan-Norveġja, lill-kumpanniji parent stabbiliti f'dawn l-Istati milli jibbenefikaw minn tali benefiċċji fiskali.

26 Il-kumpanniji parent stabbiliti fil-Ġermanja u dawk li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stati Membri oħra jew fi Stati li jifformaw parti mill-Ftehim ŻEE jinsabu, skont il-Kummissjoni, f'sitwazzjoni oġġettivament paragunabbli. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għażlet li twaqqaf is-sensiela ta' tnaqqis fiskali mid-dħul imqassam, iżda huma biss il-kumpanniji parent li għandhom l-uffiċċju rreġistrat u l-amministrazzjoni tagħhom fuq it-territorju nazzjonali tagħha li finalment jevitaw it-tnaqqis fiskali marbut mal-ħlas tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn, peress li dawn jistgħu mhux biss jattribwixxu lil dawn b'mod sħiħ fuq it-taxxa tagħhom fuq il-persuni ġuridiċi, iżda jistgħu wkoll jiksbu rimbors, jekk it-taxxa fuq id-dħul li għandha titħallas hija inferjuri mill-ammont tat-tnaqqis miġbur f'ras il-għajn, b'tali mod li, fir-realtà, dawn ma jħallsu l-ebda taxxa fuq id-dividendi li huma ddistribwiti lilhom. Min-naħa l-oħra, il-kumpanniji parent li huma stabbiliti fi Stati Membri oħra jew fl-Istati li jifformaw parti mill-Ftehim ŻEE ma għandhomx il-possibbiltà li jevitaw

kompletament il-piż ekonomiku marbut mat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn, liema taxxa, ladarba titħallas, titqies li tħallset b'mod definittiv.

27 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tippreċiża li r-rikors tagħha huwa limitat għal ħlas ta' dividendi lill-kumpanniji b'kapital azzjonarju u li ma huwiex rilevanti li jsir tqabbil bejn il-piż fiskali globali impost fuq id-dividendi miġbura minn persuni fiżiċi u minn kumpanniji ta' persuni fil-Ġermanja u minn kumpanniji b'kapital azzjonarju f'pajjiż barrani, għaliex is-sitwazzjonijiet ikkunsidrati huma differenti.

28 Skont il-Kummissjoni, meta Stat Membru jagħti benefiċċji fil-kuntest tal-intaxxar tad-dividendi, inkluż benefiċċji bħalma huma l-imputazzjoni jew ir-rimbors li l-effett ekonomiku tagħhom huwa li jinnewtralizza taxxa li kienet tħallset bil-quddiem f'ras il-għajn, dawn il-benefiċċji ma jistgħux ikunu limitati għall-benefiċjarji ta' dividendi li huma stabbiliti fuq it-territorju nazzjonali u għandhom jestendu għall-benefiċjarji stabbiliti fi Stati Membri oħra jew fi Stati li jifformaw parti mill-Ftehim ŻEE.

29 Fir-rigward tal-eventwali impatt tal-konvenzjonijiet rigward il-prevenzjoni tat-taxxa doppja, il-Kummissjoni ssostni, fl-ewwel lok, li s-sempliċi tnaqqis tar-rata tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn għall-ħlasijiet ta' dividendi lill-kumpanniji parent stabbiliti fi Stati Membri oħra jew fi Stati li jifformaw parti mill-Ftehim ŻEE, previst minn tali konvenzjonijiet, waħdu ma jagħtix lok għal trattament ugwali ekonomiku sħiħ, peress li ma huwiex ugwali għal eżenzjoni ekonomika totali mit-taxxa mħallsa f'ras il-għajn li minnha jibbenefikaw, min-naħa l-oħra, il-kumpanniji parent stabbiliti fil-Ġermanja.

30 It-tieni nett, il-mekkaniżmi ta' imputazzjoni stabbiliti fil-konvenzjonijiet rigward il-prevenzjoni tat-taxxa doppja konklużi mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jikkontribwixxu l-iktar l-iktar għat-tnaqqis tat-taxxa doppja favur il-kumpanniji parent li ma humiex stabbiliti fil-Ġermanja u ma jippermettux li tinkiseb eżenzjoni

ekonomika sħiħa fil-każijiet kollha, peress li l-obbligu tal-eżenzjoni huwa limitat għal ammont imputabbli massimu.

31 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrileva li n-nuqqas ta' ssuġġettar tal-kumpanniji parent li ma humiex residenti għat-taxxa professjonali bl-ebda mod ma jikkostitwixxi benefiċċju fiskali, peress li, anki kieku tali benefiċċju kien jeżisti, ma kienx ikun biżżejjed, minħabba n-natura differenti tiegħu, biex jikkumpensa t-trattament fiskali sfavorevoli minħabba l-karattru definittiv tat-taxxa fuq il-kapital imnaqqsa f'ras il-għajn preċiżament minn dawn il-kumpanniji parent. Ir-raġuni għalfejn kumpannija parent stabbilita fi Stat Membru ieħor jew fi Stat li jifforma parti mill-Ftehim ŻEE ma hijiex obbligata li tħallas it-taxxa professjonali tirriżulta mill-fatt li hija ma teżerċitax attività ekonomika f'muniċipalità Ġermaniża u mill-fatt li ma hemmx materjal taxxabbli.

32 Finalment, il-Kummissjoni ssostni li s-sistema fiskali inkwistjoni ma tistax tkun iġġustifikata mill-ħtieġa li jinżamm tqassim ekwilibrat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri u lanqas mir-raġunijiet relatati mal-koerenza tas-sistema fiskali Ġermaniża.

33 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkontesta l-fatt li l-Kummissjoni eżaminat b'mod iżolat l-eżenzjoni tal-kumpanniji b'kapital azzjonarju inkwistjoni, filwaqt li, mill-2001, dan l-Istat Membru japplika sistema ta' dħul parzjali li jaqsam it-tassazzjoni tad-dividendi f'żewġ stadji. B'hekk, fl-ewwel stadju ta' din it-tassazzjoni parzjali, il-kumpannija distributriċi tad-dividendi tiġi ssuġġettata għal taxxa definittiva mhux deduċibbli, fuq il-persuni ġuridiċi, fejn ir-rata hija ta' 15 % mill-1 ta' Jannar 2008, filwaqt li, fit-tieni stadju tat-taxxa parzjali, l-aħħar proprjetarju tal-ishma li jirċievi d-dividendi huwa ntaxxat b'tali mod li tinkiseb, flimkien mat-taxxa parzjali tal-ewwel stadju, it-taxxa kompleta fuq il-profitti mqassma. Konsegwentement, tassazzjoni sħiħa unika tinkiseb permezz ta' żewġ tassazzjonijiet parzjali u l-kumpanniji inkwistjoni li għandhom l-ishma huma eżentati sabiex tiġi evitata tassazzjoni eċċessiva. Għalhekk, ir-rinunzja milli jiġu ntaxxati dividendi mħallsa lil kumpannija holding residenti,

b'mod konformi mal-Artikolu 8(b) tal-KStG, ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala deċiżjoni li ma tiġix eżerċitata l-kompetenza tal-intaxxar tad-dividendi, peres li din tiġi eżerċitata permezz ta' sistema globali li tinvolvi diversi stadji.

34 Dan il-prinċipju tal-intaxxar sħiħ uniku tal-profitti ġġenerati fil-Ġermanja u mqassma huwa applikabbli ukoll meta dawn il-profitti ma jinħarġux mit-territorju nazzjonali ħlief fil-każijiet transkonfinali. Madankollu, sabiex il-piż fiskali impost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fuq id-dividendi jkun ugwali kemm f'sitwazzjoni interna kif ukoll f'sitwazzjoni transkonfinali, ikun meħtieġ, f'dan l-aħħar każ, li t-tieni stadju tal-intaxxar jiġi antiċipat, peress li t-tqassim tad-dividendi mill-kumpannija parent barranija lill-azzjonist barrani tagħha tevita s-sovranità fiskali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Issa, b'mod konformi mal-prinċipju ta' tqassim u ta' territorjalita,, kull Stat Membru għandu d-dritt li jintaxxa l-profitti ġġenerati fit-territorju tiegħu.

35 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirrikonoxxi li hija tittratta b'mod differenti lill-kumpanniji b'kapital azzjonarju residenti u lil dawk mhux residenti, meta dawn jirċievu dividendi mingħand kumpanniji residenti, għaliex huma biss dawn tal-aħħar li jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni tat-taxxa stabbilita fl-Artikolu 8b tal-KStG.

36 Madankollu, din id-differenza fit-trattament hija biss formali u ma toħloqx diskriminazzjoni kontra kumpanniji parent stabbiliti fi Stat Membru ieħor jew fi Stat li jifforma parti mill-Ftehim ŻEE.

37 Min-naħa waħda, il-kumpanniji stabbiliti fil-Ġermanja u l-kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stati Membri oħra jew fi Stati li jifformaw parti mill-Ftehim ŻEE ma jinsabux f'sitwazzjoni paragunabbli fir-rigward tal-iskop tal-Artikolu 8b tal-KStG, li huwa dak li tiġi evitata t-tassazzjoni eċċessiva tad-dividendi

fil-Ġermanja, fil-kuntest tal-applikazzjoni tas-sistema ta' tassazzjoni parzjali tad-dħul. Issa, fil-każ tat-tqassim tad-dividendi lil kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor jew fi Stat li jifforma parti mill-Ftehim ŻEE, tali riskju ma jinħoloqx.

38 Min-naħa l-oħra, l-investituri barranin ma jiġux dissważi mid-dritt fiskali Ġermaniż sabiex jinvestu fil-kapital ta' impriżi stabbiliti fil-Ġermanja, peress li, bla ħsara għal tnaqqis ibbażat fuq konvenzjoni rigward il-prevenzjoni tat-taxxa doppja, il-piż tat-taxxa Ġermaniża mħallas mid-dividendi mħallsa lill-benefiċjarji mhux residenti huwa fundamentalment l-istess bħal dak imħallas mid-dividendi mħallsa lill-benefiċjarji residenti.

39 Tassazzjoni supplimentari sseħħ biss, fil-każ ta' tqassim transkonfinali tad-dividendi, mill-Istat ta' residenza tal-benefiċjarju, liema ħaġa hija r-riżultat tal-kompetenza simultanja tal-leġiżlazzjonijiet fiskali differenti.

40 Skont il-konvenzjonijiet dwar il-prevenzjoni tat-taxxa doppja fir-rigward tat-taxxi fuq id-dħul u fuq il-persuni ġuridiċi konklużi mal-Istati Membri l-oħra kollha tal-Unjoni kif ukoll mar-Repubblika tal-Islanda u mar-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tillimita ruħha biex tiġbor f'ras il-għajn taxxa fuq id-dividendi fejn ir-rata hija, normalment, ta' 10 % jew ta' 15 %. Fid-dawl ta' dawn il-konvenzjonijiet, dan l-Istat Membru jintaxxa ħafna inqas id-dividendi mħallsa lil benefiċjarji mhux residenti milli dawk imħallsa lil benefiċjarji residenti.

41 Barra minn hekk, il-konvenzjonijiet dwar il-prevenzjoni mit-taxxa doppja jipprovdu li riskju ta' tassazzjoni doppja jiġi evitat permezz ta' imputazzjoni fuq it-taxxa miġbura f'ras il-għajn fil-Ġermanja fuq it-taxxa fl-Istat fejn hija stabbilita l-kumpannija benefiċjarja tad-dividendi.

42 Finalment, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirrileva li, għalkemm it-tqassim tad-dividendi lill-kumpanniji residenti ma jiġix issuġġettat għat-taxxa fuq il-persuni ġuridiċi, dawn id-dividendi jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tat-taxxa professjonali dovuta minn dawn il-kumpanniji abbażi tal-liġi dwar din it-taxxa. Min-naħa l-oħra, id-dividendi li huma mqassma lill-kumpanniji barranin ma humiex suġġetti għat-taxxa msemmija.

43 Sussidjarjament, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li s-sistema Ġermaniża ta' tassazzjoni tad-dividendi hija, f'kull każ, iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, b'mod partikolari mill-ħtieġa li jitħares tqassim ekwilibrat tas-setgħa ta' tassazzjoni, b'relazzjoni mal-prinċipju tat-territorjalità, kif ukoll mill-ħtieġa li tiġi pprezervata l-koerenza tas-sistema fiskali.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Dwar il-ksur tal-Artikolu 56(1) KE

— Dwar l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-moviment liberu tal-kapital

44 Għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm it-tassazzjoni diretta taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, dawn

tal-aħħar għandhom madankollu jeżerċitaw din il-kompetenza b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, C-374/04, Ġabra p. I-11673, punt 36; tat-8 ta' Novembru 2007, Amurta, C-379/05, Ġabra p. I-9569, punt 16; tad-19 ta' Novembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-540/07, Ġabra p. I-10983, punt 28, u tat-3 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-487/08, Ġabra p. I-4843, punt 37).

45 B'mod partikolari, huwa kull Stat Membru li għandu jorganizza, filwaqt li jirrispetta d-dritt tal-Unjoni, is-sistema tiegħu ta' tassazzjoni tal-profitti mqassma u li għandu jiddefinixxi, f'dan il-kuntest, il-bażi taxxabbli kif ukoll ir-rati tat-taxxa li japplikaw għall-azzjonist benefiċjarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50; tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 47; tal-20 ta' Mejju 2008, Orange European Smallcap Fund, C-194/06, Ġabra p. I-3747, punt 30, u tas-16 ta' Lulju 2009, Damseaux, C-128/08, Ġabra p. I-6823, punt 25).

46 Għandu jiġi osservat ukoll li, fin-nuqqas ta' miżuri ta' unifikazzjoni jew ta' armonizzazzjoni fuq il-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri jibqgħu kompetenti sabiex jiddeterminaw, permezz ta' ftehim jew b'mod unilaterali, il-kriterji ta' tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni tagħhom, b'mod partikolari sabiex tiġi eliminata t-taxxa doppja (sentenzi tat-12 ta' Mejju 1998, Gilly, C-336/96, Ġabra p. I-2793, punti 24 u 30, u tal-21 ta' Settembru 1999, Saint-Gobain ZN, C-307/97, Ġabra p. I-6161, punt 57, kif ukoll is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Amurta, punt 17; Il-Kummissjoni vs L-Italja, punt 29, u Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 38).

47 Hekk kif jirriżulta, b'mod partikolari, mit-tielet premessa tad-Direttiva 90/435, din hija intiża sabiex telimina, billi tiġi stabbilita sistema fiskali komuni, kull żvantaġġ għall-kooperazzjoni bejn il-kumpanniji ta' Stati Membri differenti meta mqabbla mal-kooperazzjoni bejn il-kumpanniji tal-istess Stat Membru u b'hekk sabiex tiffaċilita l-formazzjoni ta' grupp ta' kumpanniji fuq il-livell tal-Unjoni (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Test Claimants in the FII Group Litigation, punt 103; Amurta, punt 18, u Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 39).

48 Fir-rigward tal-ishma li ma jaqgħux taħt id-Direttiva 90/435, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu jekk, u sa fejn, għandha tiġi evitata t-taxxa ekonomika doppja jew is-sensiela ta' taxxi fuq il-profitti mqassma u li jadottaw, għal dan il-għan, unilateralment jew permezz ta' ftehim konkluż ma' Stati Membri oħra, mekkaniżmi intiżi sabiex jipprevjenu jew inaqqsu din it-taxxa ekonomika doppja jew sensiela ta' taxxi. Madankollu, dan is-sempliċi fatt ma jippermettilhomx l-applikazzjoni tal-miżuri li jmorru kontra d-drittijiet għal-moviment liberu ggarantiti mit-Trattat KE (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, punt 54; Amurta, punt 24; Il-Kummissjoni vs L-Italja, punt 31, u Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 40).

49 F'dan il-każ, huwa stabbilit li l-leġiżlazzjoni Ġermaniża tissuġġetta għat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn lid-dividendi mqassma minn kumpannija stabbilita fil-Ġermanja lill-kumpanniji residenti f'dan l-istess Stat Membru kif ukoll lill-kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stat Membru ieħor. Madankollu, f'dak li jirrigwarda d-dividendi mqassma lill-kumpanniji stabbiliti fil-Ġermanja, dawn, min-naħa waħda, ma jittieħdux inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tad-dħul tal-imsemmija kumpannija, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 8b(1) tal-KStG, u min-naħa l-oħra, jibbenefikaw minn kreditu ta' taxxa relattiv għat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn. Barra minn hekk, b'mod konformi mal-Artikolu 36(2) u (4) tal-EStG, dan il-kreditu ta' taxxa jiġi rrimborsat lill-kontribwenti meta l-ammont tat-taxxa fuq id-dħul li għandu jitħallas ikun inferjuri mill-ammont tal-kreditu tat-taxxa. Minn dan isegwi li l-kumpanniji parent benefiċjarji u residenti ma jbatux minn piż fiskali li jirriżulta mit-taxxa mħallsa f'ras il-għajn.

50 Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda d-dividendi mħallsa lill-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor fil-każ fejn ma jkunx intlaħaq il-livell minimu ta' parteċipazzjoni ta' kumpannija parent fil-kapital tal-kumpannija sussidjarja tagħha stabbilit fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 90/435, it-taxxa mħallsa f'ras il-għajn titqies, mid-dritt fiskali Ġermaniż, bħala li nġabret b'mod definittiv.

51 Ma huwiex ikkontestat li b'dan il-mod, il-leġiżlazzjoni fiskali Ġermaniża toħloq differenza fit-trattament tad-dividendi skont jekk dawn ikunux mqassma lill-kumpanniji benefiċjarji residenti jew mhux residenti.

52 Madankollu, f'dan ir-rigward, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li, minn naħa waħda, il-kumpanniji benefiċjarji tad-dividendi ma jinsabux f'sitwazzjoni paragunabbli fir-rigward tal-għan tal-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, li l-piż fiskali li huma suġġetti għalih id-dividendi mħallsa lill-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor ma huwiex superjuri għal dak li jolqot lid-dividendi mqassma lill-kumpanniji residenti.

53 Fl-ewwel lok, għandu jiġi vverifikat jekk, fir-rigward tal-iskop tal-imsemmija leġiżlazzjoni, li skont ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, huwa li tipprevjeni t-tassazzjoni eċċessiva tal-profitti mqassma fil-Ġermanja, il-kumpanniji benefiċjarji tad-dividendi jinsabux jew le f'sitwazzjonijiet paragunabbli skont jekk humiex residenti jew le fil-Ġermanja.

54 F'dan ir-rigward, ma jistax ma jiġix ikkonstat li l-iskop tal-prevenzjoni tat-tassazzjoni eċċessiva fil-Ġermanja tal-profitti mqassma jintlaħaq bit-tneħħija tas-sensiela ta' taxxi fuq id-dividendi mqassma lill-kumpanniji residenti skont il-modalitajiet deskritti fil-punt 49 ta' din is-sentenza.

55 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti minn Stat Membru sabiex jipprevjeni jew inaqqas is-sensiela ta' tassazzjoni jew it-tassazzjoni ekonomika doppja fuq profitti mqassma minn kumpannija residenti, il-kumpanniji benefiċjarji residenti mhux neċessarjament jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik ta' kumpanniji benefiċjarji stabbiliti fi Stat Membru ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2006, Denkavit Internationaal u Denkavit France, C-170/05, Ġabra p. I-11949, punt 34, kif ukoll is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Amurta, punt 37; Il-Kummissjoni vs L-Italja, punt 51, u Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 50).

56 Madankollu, mill-mument meta Stat Membru, b'mod unilaterali jew permezz ta' ftehim, jissuġġetta għat-taxxa fuq id-dħul mhux biss lill-kumpanniji residenti, iżda anki lill-kumpanniji mhux residenti, fir-rigward tad-dividendi li huma jirċievu

mingħand kumpannija residenti, is-sitwazzjoni tal-imsemmija kumpanniji mhux residenti toqrob lejn dik tal-kumpanniji residenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi iċċitati iktar 'il fuq Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, punt 68; Denkavit Internationaal u Denkavit France, punt 35; Amurta, punt 38; Il-Kummissjoni vs L-Italja, punt 52, kif ukoll Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 51).

57 Fil-fatt, huwa s-sempliċi eżerċizzju minn dan l-istess Stat tal-kompetenza fiskali tiegħu li, indipendentement minn kull tassazzjoni fi Stat Membru ieħor, jagħti lok għal riskju ta' sensiela ta' taxxi jew ta' taxxa ekonomika doppja. F'tali każ, sabiex il-kumpanniji benefiċjarji mhux residenti ma jiġux issuġġettati għal restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital ipprojbita, bħala regola, mill-Artikolu 56 KE, l-Istat ta' residenza tal-kumpannija li tiddistribwixxi d-dividendi għandu jiżgura li, meta mqabbla mal-mekkaniżmu stabbilit mid-dritt nazzjonali tiegħu għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis ta' sensiela ta' taxxi jew ta' taxxa ekonomika doppja, il-kumpanniji mhux residenti jiġu ssuġġettati għal trattament ekwivalenti għal dak li jibbenefikaw minnu l-kumpanniji residenti (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, punt 70; Amurta, punt 39; Il-Kummissjoni vs L-Italja, punt 53, u Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 52).

58 Issa, f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għażlet li teżerċita l-kompetenza fiskali tagħha fuq id-dividendi mqassma lil kumpanniji residenti fi Stati Membri oħra. Konsegwentement, il-kumpanniji mhux residenti benefiċjarji ta' dawn id-dividendi jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-kumpanniji residenti f'dak li jikkonċerna r-riskju ta' impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi fuq id-dividendi mqassma mill-kumpanniji residenti, b'tali mod li l-kumpanniji benefiċjarji mhux residenti ma jistgħux jiġu ttrattati diversament mill-kumpanniji benefiċjarji residenti (sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 53).

59 Din il-konstatazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li jgħid li l-kumpanniji residenti u mhux residenti benefiċjarji tad-dividendi ma jinsabux f'sitwazzjoni paragunabbli, peress li huma biss il-profitti li

huma mqassma minn dawk tal-ewwel li jistgħu jiġu ssuġġettati għal tassazzjoni żejda fil-Ġermanja, peress li dan l-Istat Membru jista' jintaxxa biss id-dħul tal-azzjonisti tal-kumpanniji msemmija li huma residenti fl-Istat Membru msemmi.

60 Apparti l-fatt li ma jistax jiġi eskluż li kumpannija stabbilita fi Stat Membru differenti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jkollha azzjonisti residenti fil-Ġermanja, il-paragun tal-piż fiskali li huma ssuġġettati għalih id-dividendi mqassma lill-kumpanniji mhux residenti u tal-piż fiskali globali li huma ssuġġettati għalih id-dividendi, meta kumpannija benefiċjarja u residenti tqassamhom lill-azzjonisti residenti tagħha, ikun jirriżulta fil-paragun ta' sistemi u ta' sitwazzjonijiet li ma humiex paragunabbli, jiġifieri, min-naħa waħda, tal-persuni fiżiċi benefiċjarji ta' dividendi nazzjonali u s-sistema tat-tassazzjoni fuq id-dħul tagħhom u, min-naħa l-oħra, tal-kumpanniji b'kapital azzjonarju benefiċjarji ta' dividendi li jitħallsu lil benefiċjarji barranin u t-taxxa mħallsa f'ras il-għajn li hija imposta mill-Istat Membru msemmi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43).

61 Fit-tieni lok, sabiex jiġi pprovat li l-piż fiskali li huma ssuġġettati għalih id-dividendi mħallsa lill-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor ma huwiex superjuri għal dak impost fuq id-dividendi mqassma lill-kumpanniji residenti, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tagħmel riferenza għall-konvenzjonijiet dwar il-prevenzjoni tat-taxxa doppja, konklużi mal-Istati Membri kollha, kif ukoll il-fatt li, diversament mill-kumpanniji mhux residenti, il-kumpanniji residenti huma suġġetti għat-taxxa professjonali fil-Ġermanja.

62 F'dak li jirrigwarda l-effett tal-konvenzjonijiet dwar il-prevenjoni tat-taxxa doppja, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja effettivament iddeċidiet li ma jistax jiġi eskluż li Stat Membru jasal sabiex jiggarantixxi l-osservanza tal-obbligi tiegħu skont it-Trattat billi jikkonkludi ftehim dwar ħelsien mit-taxxa doppja ma' Stat Membru ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Test Claimants in Class IV

of the ACT Group Litigation, punt 71; Amurta, punt 79; Il-Kummissjoni vs L-Italja, punt 36, u Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 58).

63 Madankollu, għal dan il-għan huwa meħtieġ li l-applikazzjoni ta' tali konvenzjoni tippermetti li jiġu kkumpensati l-effetti tad-differenza fit-trattament li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs L-Italja, punt 37, u Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 59).

64 Skont l-indikazzjonijiet ipprovduti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, b'applikazzjoni tal-konvenzjonijiet dwar il-prevenzjoni mit-taxxa doppja konklużi mal-Istati Membri l-oħra, din tillimita ruħha għat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn ta' taxxa fuq id-dividendi li r-rata normali tagħha hija, normalment, ta' 10 % jew ta' 15 %, filwaqt li t-taxxa mħallsa f'ras il-għajn li teċċedi dan il-limitu hija rrimborsata lill-azzjonisit b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali.

65 Barra minn hekk, hekk kif osservat ġustament il-Kummissjoni, is-sempliċi tnaqqis tar-rata ta' taxxa mħallsa f'ras il-għajn għat-tqassim tad-dividendi lill-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor ma huwiex biżżejjed sabiex jikkumpensa waħdu l-effetti tad-differenza fit-trattament li nħolqot mil-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali, peress li dan ma huwiex ekwivalenti għan-newtralizzazzjoni tal-piż ekonomiku tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn imwettaq skont il-metodi deskritti fil-punt 49 ta' din is-sentenza, li jibbenefikaw minnha l-kumpanniji stabbiliti fil-Ġermanja.

66 Barra minn hekk, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-konvenzjonijiet dwar il-prevenzjoni tat-taxxa doppja jistabbilixxu li r-riskju tat-taxxa doppja jiġi evitat permezz tal-imputazzjoni tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn fuq it-taxxa dovuta fl-Istat tal-istabbiliment. Skont l-indikazzjonijiet tal-Kummissjoni, li ma humiex ikkontestati mill-Istat Membru konvenut, il-konvenzjonijiet imsemmija jistabbilixxu li l-obbligu tal-imputazzjoni huwa limitat għal ammont imputabbli massimu.

67 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-applikazzjoni tal-metodu tal-imputazzjoni għandha tippermetti li t-taxxa fuq id-dividendi miġbura fil-Ġermanja titnaqqas kompletament mit-taxxa dovuta fl-Istat fejn hija stabbilita l-kumpannija benefiċjarja, b'tali mod li, jekk id-dividendi mħallsa lil din il-kumpannija kellhom finalment intaxxati iktar mid-dividendi mħallsa lill-kumpanniji residenti fil-Ġermanja, dan il-piż fiskali jista' ma jistax jiġi attribwit iktar lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, iżda lill-Istat fejn hija stabbilita l-kumpannija benefiċjarja li eżerċita s-setgħa ta' tassazzjoni tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 60).

68 Għalhekk, id-differenza ta' trattament tista' tiġi mxejna b'dan il-metodu ta' imputazzjoni biss meta d-dividendi li joriġinaw mill-Ġermanja jiġu ntaxxati biżżejjed fl-Istat Membru l-ieħor. Issa, jekk dawn id-dividendi ma jiġux intaxxati jew jekk ma jiġux intaxxati biżżejjed, l-ammont tat-taxxa miġbur fil-Ġermanja jew parti minnu ma tistax tiġi imputata (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs l-Italja, punt 38, u Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 62).

69 Għandu jiġi ppreċiżat ukoll li l-għażla li, fl-Istat Membru l-ieħor, jiġi ntaxxat id-dħul li ġej mill-Ġermanja jew il-livell li dan id-dħul huwa ntaxxat għalih, ma tiddipendix mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, iżda mill-metodu ta' tassazzjoni stabbilit mill-Istat Membru l-ieħor (sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64).

70 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma tistax, konsegwentement, issostni b'mod validu li l-imputazzjoni tat-taxxa mħallsa fil-Ġermnaja fuq it-taxxa dovuta fl-Istat Membru l-ieħor, skont il-ftehim dwar il-prevenzjoni mit-taxxa doppja, tippermetti f'kull każ li tiġi kkumpensata d-differenza fit-trattament li tirriżulta mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt fiskali nazzjonali jew ta' dawk tal-ftehim li għandhom l-effett li jnaqssu r-rata tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn (ara, ukoll, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs L-Italja, punt 39, u Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 64).

71 Finalment, fir-rigward tal-argument tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja bbażat fuq il-fatt li l-kumpanniji benefiċjarji tad-dividendi stabbiliti fi Stat Membru ieħor ma humiex obbligati li jħallsu t-taxxa professjonali li huma suġġetti għaliha l-kumpanniji benefiċjarji tad-dividendi stabbiliti fil-Ġermanja, huwa biżżejjed li jitfakkar li, b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, trattament fiskali sfavorevoli li jmur kontra waħda mil-libertajiet fundamentali ma jistax jitqies bħala kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni minħabba l-eżistenza ta' benefiċċji oħra, dejjem jekk tali benefiċċji jkunu jeżistu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Ġunju 2000, Verkooijen, C-35/98, Ġabra p. I-4071, punt 61; Amurta, iċċitata iktar 'il fuq, punt 75, kif ukoll tal-1 ta' Lulju 2010, Dijkman u Dijkman-Lavaleije, C-233/09, Ġabra p. I-6649, punt 41).

72 Għalhekk, fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, hemm lok li jiġi konkluż li d-differenza fit-trattament tad-dividendi skont jekk humiex imqassma lil kumpanniji residenti jew mhux residenti, hekk kif stabbilita mil-leġiżlazzjoni fiskali Ġermaniża, tista' tiddisswadi lill-kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra milli jipproċedu għal investimenti fil-Ġermanja u tista' wkoll tikkostitwixxi ostaklu għall-ġbir ta' kapital minn kumpanniji residenti mingħand kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra.

73 Konsegwentement, l-imsemmija leġiżlazzjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għal-moviment liberu tal-kapital, ipprojbita, bħala prinċipju, mill-Artikolu 56(1) KE.

— Dwar il-ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni tal-moviment liberu tal-kapital

74 Hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza ferm stabbilita, miżuri nazzjonali li jillimitaw il-moviment liberu tal-kapital jistgħu jkunu ġġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bil-kundizzjoni li dawn ikunu xierqa sabiex jiżguraw it-twettiq tal-għan imfittex minnhom u li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex

jintlaħaq dan l-għan (sentenzi tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-112/05, Ġabra p. I-8995, punti 72 u 73, kif ukoll Dijkman u Dijkman-Lavaleije, iċċitata iktar 'il fuq, punt 49).

75 F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni, fl-ewwel lok, li l-leġiżlazzjoni fiskali Ġermaniża dwar it-tassazzjoni tad-dividendi, li għandha l-għan li tistabbilixxi tassazzjoni unika u sħiħa tal-profitti kemm fis-sitwazzjonjiet interni kif ukoll dawk transkonfinali, hija ġġustifikata mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqassim ekwilibrat tas-setgħa ta' tassazzjoni, marbuta mal-prinċipju tat-territorjalità, li jgħid li kull Stat Membru għandu d-dritt li jintaxxa l-profitti ġġenerati fit-territorju tiegħu. Hija biss l-applikazzjoni tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn li tippermetti lil dan l-Istat Membru li jivverifika li d-dividendi mqassma b'riżultat tad-dħul iġġenerat minn attività ekonomika fit-territorju tiegħu jkunu suġġetti darba biss u b'mod sħiħ għat-taxxa Ġermaniża.

76 Barra minn hekk, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirrileva li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari mill-punt 59 tas-sentenza Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, u mill-punt 83 tas-sentenza tas-17 ta' Settembru 2009, Glaxo Wellcome (C-182/08, Ġabra p. I-8591), jirriżulta li l-ħtieġa li l-Istat ta' residenza tal-kumpannija distributriċi jiżgura li l-profitti mqassma lil azzjonist mhux residenti ma jkunux suġġetti għal sensiela ta' taxxi jew għal tassazzjoni ekonomika doppja, tkun fil-fatt tfisser li dan l-Istat għandu jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jintaxxa dħul iġġenerat minn attività ekonomika eżerċitata fit-territorju tiegħu.

77 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li ġustifikazzjoni dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat tqassim bilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri tista' tiġi aċċettata meta, b'mod partikolari, is-sistema inkwistjoni tkun intiża sabiex tipprevjeni aġir li jista' jippreġudika d-dritt ta' Stat Membru li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fit-territorju tiegħu (ara s-sentenzi tad-29 ta' Marzu 2007, Rewe Zentralfinanz, C-347/04, Ġabra p. I-2647, punt 42;

tat-18 ta' Lulju 2007, Oy AA, C-231/05, Ġabra p. I-6373, punt 54; Amurta, iċċitata iktar 'il fuq, punt 58, kif ukoll tat-18 ta' Ġunju 2009, Aberdeen Property Fininvest Alpha, C-303/07, Ġabra p. I-5145, punt 66).

78 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li, meta Stat Membru jkun iddeċieda li ma jintaxxax lill-kumpanniji benefiċjarji stabbiliti fit-territorju tiegħu fir-rigward ta' dan it-tip ta' dħul, ma tistax tiġi invokata l-ħtieġa li jiġi żgurat tqassim bilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri bil-għan li tiġi ġġustifikata t-tassazzjoni tal-kumpanniji benefiċjarji stabbiliti fi Stat Membru ieħor (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Amurta, punt 59, u Aberdeen Property Fininvest Alpha, punt 67).

79 Issa, għalkemm ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-Artikolu 8(b) tal-KStG ma għandux jitqies bħala l-materjalizzazzjoni tad-deċiżjoni tagħha sabiex ma teżerċitax is-setgħa ta' tassazzjoni tagħha fuq id-dividendi, huwa stabbilit li l-kumpanniji stabbiliti fil-Ġermanja jibbenefikaw, għad-dividendi mqassma mill-kumpanniji distributriċi residenti, minn newtralizzazzjoni totali tal-effetti tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn.

80 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-ħtieġa li l-Istat fejn tirrisjedi l-kumpannija distributriċi jiżgura li l-profitti mqassma lil azzjonist mhux residenti ma jkunux suġġetti għal sensiela ta' taxxi jew għal tassazzjoni ekonomika doppja, kemm billi l-profitti jiġu eżentati mit-taxxa fir-rigward tal- kumpannija distributriċi jew billi jingħata lill-azzjonist benefiċċju fiskali li jikkorrispondi għat-taxxa mħallsa fuq l-imsemmija profitti mill-kumpannija distributriċi, tkun fil-fatt tfisser li dan l-Istat għandu jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jintaxxa dħul iġġenerat minn attività ekonomika eżerċitata fit-territorju tiegħu (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, punt 59, u Glaxo Wellcome, punt 83).

81 Madankollu, f'dan il-każ, l-eżenzjoni mit-taxxa mħallsa f'ras il-għajn jew il-benefiċċju fiskali li jikkorrispondi għat-taxxa mnaqqsa f'ras il-għajn mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mogħtija lill-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor, fil-fatt ma jfissrux li din tal-aħħar għandha tirrinunzja għad-dritt tagħha li tintaxxa dħul iġġenerat minn attività ekonomika eżerċitata fit-territorju tagħha. Fil-fatt, id-dividendi mqassma mill-kumpanniji residenti diġà ġew suġġetti għat-taxxa għand il-kumpanniji distributriċi bħala profitti miksuba minnhom.

82 Ċertament, l-eżenzjoni mit-taxxa mħallsa f'ras il-għajn jew l-għoti ta' benefiċċju fiskali li jikkorrispondi għat-taxxa mnaqqsa f'ras il-għajn mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jkun jinvolvi, għal din tal-aħħar, tnaqqis mid-dħul fiskali tagħha.

83 Issa, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li t-tnaqqis fid-dħul fiskali ma jistax jitqies bħala raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġi invokata sabiex tiġġustifika miżura li, bħala prinċipju, tmur kontra libertà fundamentali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, Manninen, C-319/02, Ġabra p. I-7477, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

84 Fit-tieni lok, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li s-sistema ta' tassazzjoni tad-dividendi hija ġġustifikata minn r-raġunijiet ta' koerenza fis-sistema fiskali. Fil-fatt, il-benefiċċju fiskali mogħti mill-Artikolu 8(b) tal-KStG huwa kkumpensat minn żvantaġġ fiskali, jiġifieri t-tassazzjoni tal-azzjonisti. Anki fil-każ fejn il-profitti ma jitqassmux lill-azzjonisti, it-tieni stadju tat-tassazzjoni jseħħ fil-Ġermanja.

85 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat li l-ħtieġa li tiġi mħarsa l-koerenza ta' sistema fiskali tista' tiġġustifika restrizzjoni għall-eżerċizzju tal-libertajiet ta' moviment żgurati mit-Trattat (sentenzi tat-28 ta' Jannar 1992, Bachmann, C-204/90, Ġabra p. I-249, punt 28; Manninen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42; tas-27 ta' Novembru 2008, Papillon, C-418/07, Ġabra p. I-8947, punt 43, u Glaxo Wellcome, iċċitata iktar 'il fuq, punt 77).

86 Madankollu, sabiex argument ibbażat fuq tali ġustifikazzjoni jkun jista' jirnexxi, il-Qorti tal-Ġustizzja teżiġi l-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-benefiċċju fiskali inkwistjoni u l-kumpens għal dak il-benefiċċju permezz ta' tnaqqis fiskali partikolari, fejn in-natura diretta ta' din ir-rabta għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-għan tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Papillon, punt 44, u Glaxo Wellcome, punt 78).

87 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni, in-newtralizzazzjoni tal-effetti tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn tad-dividendi mqassma lill-kumpannija residenti ma hijiex suġġetta għall-kundizzjoni doppja li dawn ikunu mqassma mill-ġdid minn din tal-aħħar u li l-intaxxar tagħhom fost l-azzjonisti ta' din il-kumpannija jippermetti li tiġi kkumpensata l-eżenzjoni f'termini ekonomiċi tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn.

88 Hekk kif jirriżulta mill-espożizzjoni tal-motivi tal-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni, riprodotta fir-risposta tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, wieħed mill-għanijiet tas-sistema ta' tassazzjoni parzjali tad-dħul huwa li jiġi ffavorit l-investiment mill-ġdid fl-impriża tal-profitti li ġejjin mill-operat u sabiex b'hekk jittejjeb l-awtofinanzjament tal-impriżi. Tali sistema ta' tassazzjoni parzjali għandha b'mod partikolari l-għan li tiffavorixxi ż-żamma tal-profitti fil-kumpannija, u li tevita milli dawn jiġu mqassma lill-azzjonisti taħt forma ta' dividendi.

89 Fil-fatt, peress li t-tieni stadju tat-tassazzjoni jsseħħ biss jekk il-profitt ikun ġie mqassam fost l-azzjonisti taħt forma ta' dividendi, is-sistema tirrendi fiskalment iktar vantaġġuż l-akkumulazzjoni tal-profitti fi ħdan il-kumpannija milli t-tqassim tagħhom lill-azzjonisti.

90 Peress li l-fatt li jiġi evitat it-tieni stadju tat-tassazzjoni jista' jitqies bħala konformi mal-għan tas-sistema fiskali msemmija, li huwa dak li tiġi ffavorita l-akkumulazzjoni tal-profitti fi ħdan il-kumpannija benefiċjarja għad-detriment tat-tqassim tagħhom

lill-azzjonisti taħt forma ta' dividendi, ma jistax jitqies li l-benefiċċju li jikkonsisti f'eżenzjoni mit-taxxa mħallsa f'ras il-għajn tad-dividendi mqassma lil kumpannija residenti jkun f'kull każ ikkumpensat mill-intaxxar ta' dawn il-profitti sa fejn dawn jikkostitwixxu dħul tal-azzjonisti tal-kumpannija benefiċjarja.

91 L-argument tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li jgħid li anki meta l-profitti tal-kumpannija benefiċjarja ma jkunux imqassma lill-azzjonisti, xorta tkompli t-tieni fażi tat-tassazzjoni, peress li operazzjoni taxxabbli tinħoloq neċessarjament fil-futur, ma jistax jiġi milqugħ. Anki jekk jitqies li dan huwa l-każ, eventwali tassazzjoni differita ma tistax tiġġustifika eżenzjoni immedjata tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn tad-dividendi mħallsa lill-kumpanniji benefiċjarji u residenti.

92 Konsegwentement, ma teżisti l-ebda konnessjoni diretta, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 86 ta' din is-sentenza, bejn l-eżenzjoni mit-taxxa mħallsa f'ras il-għajn tad-dividendi mħallsa lill-kumpanniji benefiċjarji u residenti, u l-intaxxar tad-dividendi msemmija, kemm bħala dħul mill-azzjonisti ta' dawn il-kumpanniji, kif ukoll fil-każ ta' eventwali operazzjoni taxxabbli ulterjuri.

93 Minn dan isegwi li r-restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni ma tistax tkun iġġustifikata mill-motivi invokati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

94 Minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li, meta ssuġġettat lid-dividendi mqassma lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra, fil-każ fejn ma jkunx intlaħaq il-livell minimu ta' ishma tal-kumpannija parent fil-kapital azzjonarju tal-kumpannija sussidjarja tagħha skont l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 90/435, għal taxxa iktar

iebsa, f'termini ekonomiċi, minn dik li tolqot lid-dividendi mqassma lil kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fit-territorju tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 56(1) KE.

Fuq il-ksur tal-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE

95 Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Ftehim ŻEE huwa li jitwettaq bl-iktar mod komplet possibbli l-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital fiż-ŻEE kollha, b'tali mod li s-suq intern maħluq fuq it-territorju tal-Unjoni jiġi estiż għall-Istati tal-EFTA. F'din il-perspettiva, diversi dispożizzjonijiet tal-imsemmi ftehim huma intiżi sabiex jiggarantixxu l-interpretazzjoni l-iktar uniformi possibbli tiegħu fiż-ŻEE kollha (ara l-Opinjoni 1/92, tal-10 ta' April 1992, Ġabra p. I-2821). F'dan il-kuntest, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiżgura li r-regoli tal-Ftehim ŻEE, essenzjalment identiċi għal dawk tat-Trattat, jiġu interpretati b'mod uniformi fl-Istati Membri (sentenza tat-23 ta' Settembru 2003, Ospelt u Schlössle Weissenberg, C-452/01, Ġabra p. I-9743, punt 29, kif ukoll Il-Kummissjoni vs l-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 65).

96 Minn dan jirriżulta li, għalkemm restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-kapital bejn ċittadini tal-Istati li jifformaw parti mill-Ftehim ŻEE għandhom ikunu evalwati fid-dawl tal-Artikolu 40 u tal-Anness XII tal-imsemmi ftehim, id-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom l-istess portata ġuridika bħal dik tad-dispożizzjonijiet, essenzjalment identiċi, tal-Artikolu 56 KE (ara s-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-521/07, Ġabra p. I-4873, punt 33, u Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 66).

97 Hekk kif ġie kkonstatat fil-punt 49 ta' din is-sentenza, il-kumpanniji benefiċjarji stabbiliti fil-Ġermanja ma humiex suġġetti għall-piż fiskali li jirriżulta mit-taxxa mħallsa f'ras il-għajn fuq id-dividendi li jitqassmu lilhom mill-kumpanniji residenti.

98 F'dak li jirrigwarda d-dividendi mħallsa lill-kumpanniji stabbiliti fl-Islanda u fin-Norveġja, it-taxxa mħallsa f'ras il-għajn titqies, mid-dritt Ġermaniż, bħala li nġabret b'mod definittiv.

99 Konsegwentement u għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti waqt l-evalwazzjoni tar-rikors fir-rigward tal-Artikolu 56(1) KE, għandu jitqies li, meta ssuġġettat lid-dividendi mqassma lill-kumpanniji stabbiliti fl-Islanda u fin-Norveġja għal taxxa iktar iebsa, f'termini ekonomiċi, minn dik li tolqot lid-dividendi mqassma lil kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fit-territorju tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE.

**Fuq l-ispejjeż**

100 Skont l-Artikolu 69(2) tar-regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Meta ssuġġettat lid-dividendi mqassma lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra, fil-każ fejn ma jkunx intlaħaq il-livell minimu ta' ishma tal-kumpannija parent fil-kapital azzjonarju tal-kumpannija sussidjarja tagħha skont l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti, kif**

**emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/123/KE, tat-22 ta' Diċembru 2003, għal taxxa iktar iebsa, f'termini ekonomiċi, minn dik li tolqot lid-dividendi mqassma lil kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fit-territorju tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 56(1) KE.**

2) **Meta ssuġġettat lid-dividendi mqassma lil kumpanniji stabbiliti fl-Islanda u fin-Norveġja għal taxxa iktar iebsa, f'termini ekonomiċi, minn dik li tolqot lid-dividendi mqassma lil kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fit-territorju tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE, tat-2 ta' Mejju 1992.**

3) **Ir-Repubbliku Federali tal-Ġermanja hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem